MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2356/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Deborah Mallia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Deborah Mallia**

**Vs**

**Paolo Calleja**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm188.08 (mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku f'San Giljan.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira u tmien centezmi (Lm188.08) rapprezentanti danni

kagunati f’incident awtomobilistiku tat-3 ta’ Frar 2003, fi Sqaq Lourdes, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru KAI 117 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru AAM 131 misjuqa minn u propjeta` ta’ l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurata taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) ‘Excess’ imhallsa mill-attrici Deborah Mallia, li kienet asikurat taht il-polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta` Ottubru, 2003, u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mis-22 ta’ Ottubru, 2003, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi huwa kontestat kif saret il-habta ossia li l-attrici kienet wieqfa u t-trakk dahal fiha, filwaqt li l-konvenut jallega li kienet ghaddiet minn quddiemu pero' ma ra l-ebda habta issir.

Il-mankanza ta' intervent okulari ta' terz, it-Tribunal irid jinvestiga il-prossimita tal-okkorrenza. Wiehed qieghed jitkellem fuq trakk kbir ta' 6 metri u vettura ferm izghar.

Mhux kontestat li fuq in-naha tax-xellug kien hemm xogholijiet li kien qed isir, allura il-karreggjata djaqet. Il-habta kienet tikkonsisti f'selha bil-ganc li jkun sporgut il-barra.

Fin-nuqqas ta' provi ulterjuri, it-Tribunal jakkorda responsabbilta sehem ugwali bejn iz-zewg partijiet ancorche' kkontribwew ghall-incident. Il-konvenut lanqas biss ra u baqa ghaddej u l-attrici, in vista li l-karreggjata taghha kienet ostakolata u djaq. Kella taghti aktar attenzjoni.

Id-danni attrici ma gewx kontestati u qed jigu akkordati ghal 50%.

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-attrici u konvenut ugwalment responsabbli ghall-incident u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' Lm94.04 lill-attruri, bl-interessi kif mitluba, u l-kap tal-ispejjes soffert ugwalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------